ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

30 MAY 2024

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 597**

**It-Tnejn 29 ta' April 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech – Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas Zahra – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier
Angelo Scicluna – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**597.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

597.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Angelo Scicluna u mis-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech, is-Sur Angelo Scicluna u s-Sinjorina Angel Gwyn Louisielle Camilleri jkunu skużati.

**597.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

597.2.1 Il-minuti tal-596 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

**597.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

597.3.1 Is-Sindku tkellem dwar diversi xogħlijiet li għaddejjin fil-lokalità u informa lill-membri preżenti li l-Koroporazzjoni Enemalta kienet qed tikkonkludi xogħlijiet ta' trinek fiż-żona tal-Ħofra u Triq ix-Xgħajra. Is-Sur Joseph Agius żied jgħid li l-Korporazzjoni Enemalta għamlet ukoll xogħlijiet fi Triq Villabate. Ix-xogħlijiet ta' *resurfacing* li kienu qed isiru mill-Gvern Ċentrali fi Triq il-Kbira kienu għaddejin ġmielhom. Is-Sindku semma wkoll li kien qed jiġi mplimentat il-proġett tal-*Mobility Week* u kienu qed jinżebgħu il-bankini madwar l-iskejjel. Is-Sindku żied jgħid li kien irċieva *feedback* pożittiv mill-pubbliku. Meta mistoqsi mis-Sinjura Anna Calleja dwar il-kwalita ta' żebgħa li ntużat, is-Sindku assigura li ġiet applikata żebgħa tat-toroq, li tiżgura l-lonġevità, speċjalment għall-fatt li l-ebda vetturi ma kienu ser jgħaddu minn fuq iż-żoni miżbugħin. Is-Sindku qal li fil-ġimgħat li ġejjin mistenni jibda xogħol ta' manutenzjoni permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill fi Triq il-Baruni u Triq id-Dejqa. Is-Sindku qal ukoll illi kienu saru diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq diversi bankijiet madwar il-lokalità u sar xogħol ta' manutenzjoni fil-Park tal-Klieb permezz tal-ħaddiema tal-FTZD. Is-Sindku spjega li kien qed isir xogħol ta' manutenzjoni fil-pjazza li hemm wara l-ħwienet tal-*Housing Estate*. Barra minnhekk ġew installati fanali ornamentali ġodda fi Ġnien Tamara Psaila u l-ħitan tal-*playing field* kien qed jiġu miżbugħin permezz tal-ħaddiema tal-Kunsill. Sar *clean up* f' Misraħ San Nikola b'kollaborazzjoni ma' *Clean Malta*, tqaċċat il-qasab u ġiet imwittija l-art sabiex jinħoloq aktar spazju ta' parkeġġ. Is-Sindku semma li kienu ser jiġu nstallati is-*CCTV cameras* permezz tal-iskema tar-Regjun Port. Is-Sindku pprovda wkoll aġġornament dwar il-Fondi Infurzar tal-LESA u ħabbar li kien ġie approvat it-tieni *tranch;* b'hekk il-Kunsill jista' jagħmel użu minn fond ta' €4,500 allokat speċifikament għall-infurzar waqt attivitajiet tal-NGOs. Is-Sindku enfasizza li dawn il-fondi jridu jiġu utilizzati sa April 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-€4,500 għandhom jitqassmu kif ġej: €1,000 mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, €1,000 mis-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, €1,000 mill-Arċedjoċesi ta' Malta u €1,500 jitħalla għall-Kunsill sabiex jalloka din is-somma skont il-bżonn.

597.3.2 Is-Sindku qal li l-Gvern Ċentrali se jibda x-xogħlijiet fuq ir-*roundabout* fi Triq San Leonardu li jinkludi tħawwil ta' siġar u pjanti fil-madwar. Is-Sindku semma wkoll diskussjonijiet li kellu ma' Infrastruttura Malta li matulhom ġie miftiehem li l-Kunsill jixtri siġar għal Triq Wied il-Għajn u Infrastruttura Malta tħallas lura l-ispejjeż. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet li dan il-ftehim għandu jintbgħat b'mod formali minn Infrastruttura Malta. Is-Sindku fakkar lill-membri preżenti li għaddiet sena mit-tlestija tax-xogħlijiet fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u għaldaqstant ir-responsabbiltà għat-tisqija u ż-żamma tas-siġar u *soft areas* hija tal-Kunsill . Is-Sindku saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li l-ġibjun f'din it-triq jimtela' biex issir it-tisqija matul is-sajf. Barra minnhekk is-Sindku talab li ż-żamma u manutenzjoni tas-siġar u s-*soft areas* f'din it-triq jiġu nklużi fis-sejħa għall-offerti. Is-Sur Joseph Agius staqsa meta ser jitkomplew ix-xogħlijiet fil-parti l-oħra ta' Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku wieġeb li dawn ix-xogħlijiet kienu skedati għall-futur minħabba li kien għad fadal xogħol xi jsir mill-Korporazzjoni Enemalta. Is-Sindku qal illi kien inbeda x-xogħol ta' tisbiħ tal-latrini fi Ġnien il-Kunsill u li fil-futur viċin kien ser isir xogħol ta' tisbiħ fil-latrina li hemm fi Triq iċ-Ċawsli. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta ser jitlestew ix-xogħlijiet fil-latrini. Is-Sindku qal illi d-dewmien kien dovut minħabba problemi li ma kinux mistennija.

597.3.3 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

597.3.4 Is-Sur Joseph Agius tkellem dwar il-ħtieġa li jiġu nstallati *CCTV cameras* mal-latrini pubbliċi minħabba vandaliżmu. Is-Sindku qal illi ma kienux ser jiġu nstallati *CCTV cameras* mal-latrini. Minflok, is-sejħa għall-offerti għaż-żamma u tindif tal-latrini ser tkun tinkludi l-provvediment biex ikun hemm *attendant* preżenti. Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li saret mad-Direttorat ta' *Clean Malta* u mal-Onorevoli Segretarju Parlamentari Glenn Beddingfield fejn ġiet diskussa l-possibilità li *Clean Malta* tipprovdi *attendants* fil-latrini. Barra minn hekk, waqt din il-laqgħa ġie diskuss ukoll il-potenzjal li l-Kunsill jiffirma *Memorandum of Understanding* ma' *Clean Malta.* Dan l-*MOU* kien jinvolvi li *Clean Malta* tipprovdi għaxar (10) kenniesa biex isir knis fit-toroq tal-lokalità għall-prezz ta' madwar € 115,866. Is-Sindku spjega li fil-kuntratt attwali li għandu ser jiskadi din is-sena u jinkludi sitt (6) kenniesa, filwaqt li permezz ta' dan l-*MOU* is-servizz tal-knis kien ser jingħata permezz ta' għaxar (10) kenniesa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li jiffirma *Memorandum of Understanding* ma' *Clean Malta.* Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser titlob gwida lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tistaqsi jekk il-Kunsill jistax jiffirma *Memorandum of Understanding* minflok joħroġ sejħa għall-offerti.

597.3.5 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet tlestiet il-ħofra tal-arbu li ser jitwaħħal f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sur Joseph Agius qal illi kien hemm diversi lampi mitfija fi Triq is-Santwarju. Is-Sindku qal illi x-xogħlijiet sabiex tiġi rranġata il-ħsara fil-*cable* tad-dawl li għaddej minn taħt l-art kien ser jibda fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku tkellem dwar il-ħsieb li Dar Sagra Familja ssir Dar għall-Anzjani u qal li l-*Memorandum of Understanding* kien qed jiġi ffinalizzat. Is-Segretarju

Eżekuttiv qalet li kif jiġi finalizzat ser jgħaddi għall-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

597.3.6 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attività bil-kollaborazzjoni tas-St Patrick Nursery matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-promozzjoni tat-tim fil-*Premier League*. Is-Sindku qal illi l-ħsara fid-dawl tal-Park tal-Klieb kienet issewwiet. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien issottometta l-oġġezzjoni mal-*Planning Authority* għall-applikazzjoni numru PA/01617/24 li tinkludi proposta ta' twaqqigħ ta' abitazzjoni eżistenti u minflok issir kostruzzjoni ta' seba' sulari sabiex tintuża bħala dar għall-kura tal-anzjani li tinkludi parkeġġ għall-karozzi privati u kamra mortwarja.

597.3.7 Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-minuti tal-laqgħa annwali li saret nhar l-Erbgħa 10 ta' April, 2024.

**597.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

597.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

**597.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

597.5.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Marzu 2024 u d-29 ta' April 2024 li kienet tammonta għal €166,382.26.

**597.6 Approvazzjoni tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2023**

597.6.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva l-Istqarrijiet Finanzjarji awditjati.

**597.7 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar- Marzu 2024**

597.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2024. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2024.

**597.8 Deċiżjoni /Aġġudikazzjoni ta' offerti;**

- **Tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022)**

597.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt għat-tindif ta' toroq mhux urbani (ZLC 3/2022) li għandu ma' *Malta Recycle and Waste Collection Limited*, kien ser jiskadi fit-22 ta' Awwissu, 2024 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph

Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sentejn oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

**597.9 Ittri legali**

597.9.1 Is-Sindku qal illi wara li sar it-tindif ta' Misraħ San Nikola b'kollaborazzjoni ma' *Clean Malta,* il-Kunsill kien irċieva ittra legali. Is-Sindku spjega li l-parti ta' fuq ta' din l-art hija art privata u li l-Kunsill kien irċieva ittra legali f'isem iż-żewġ individwi. Madankollu, sid minnhom kienet infurmatu li hija ma kinitx tat il-kunsens tagħha biex tintbagħat l-ittra legali f'isimha. L-ittra legali kienet tgħid li l-Kunsill kien daħal fi proprjetà privata u li waqt it-tindif kien twaqqa' ħajt tas-sejjiegħ. Is-Sindku ċaħad dan, u sostna li qatt ma kien hemm ħajt tas-sejjiegħ jifred il-proprjetà pubblika mill-parti privata. Is-Sindku żied jgħid li s-sid l-ieħor li ntbgħatet l-ittra f'ismu, kien ċempillu u li waqt din it-telefonata is-Sindku kien spjega lil dan l-individwu li l-art kienet żona miftuħa, ta' detriment għar-residenti minħabba skart, ħmieġ, qasab u ġrieden u talab li l-individwu jnaddaf iż-żona u jtella' ħajt kif meħtieġ mil-liġi. Is-Sindku qal li kif qallu hekk l-individwu ittermina t-telefonata ħesrem. Għaldaqstant, is-Sindku talab lill-Kunsill jibgħat ittra legali, jirribatti l-kontenut tal-ittra li l-Kunsill kien irċieva u jipprovdi r-ritratti li qatt ma kien hemm ħajt tas-sejjiegħ u li juru l-ħmieġ li kien hemm. Barra minn hekk jitlob lill-individwu jnaddaf u jtella' iċ-ċint mad-dawra tal-għalqa. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sindku jikseb dikjarazzjoni formali mingħand is-Sinjura li sostniet li ma tatx il-kunsens biex tintbgħat ittra legali f'isimha. Is-Sindku qabel. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat ittra legali u li bħala risposta jiċħad il-kontenut tal-ittra legali li kien irċieva u li jitlob lis-sid tal-art biex inaddaf iż-żona u jtella' ħajt mad-dawra tal-għalqa fl-iqsar żmien possibbli. Fin-nuqqas ta' dan għandhom jinħarġu multi lis-sid ta' Misraħ San Nikola. Is-Sindku żied jgħid li fil-preżent hemm kwistjoni legali mis-sidien tal-art mal-Gvern Ċentrali minħabba li s-sidien m' aċċettawx l-ammont ta' flus li kien ser jingħata lilhom wara l-esproprjazzjoni tal-art f'Misraħ San Nikola.

**597.10 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

597.10.1 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jiġu mkabbra l-*hatching lines* li hemm fil-parkeġġ ta' Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq ix-Xgħajra u semmiet diffikultajiet biex il-vetturi jimmanuvraw minħabba li ma kienx hemm wisa' suffiċjenti. Is-Sindku wieġeb li kienet ser tiġi rilokata żona ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà u li b'dan il-mod kienet ser tiġi indirizzata din il-kwistjoni b'mod effettiv.

597.10.2 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet meta kienet ser issir l-installazzjoni ta' *bus shelters* fi Triq il-Marżebb u Triq ix-Xgħajra. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet intbgħatet korrispondenza lill-Assoċċjazzjoni tal-Gvern Lokali dwar din il-materja, u bħala tweġiba il-Kunsill ġie nfurmat li kien hemm lista twila ta' *bus shelters* ma' Malta u Għawdex li kellhom jiġu nstallati. Bħala prijorità kienu ser jiġu nstallati l-

ewwel dawk il-*bus shelters* li qegħdin fl-aktar żoni frekwentati. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jipprovdi strutturi temporanji bħala *bus shelter* fi Triq il-Marżebb u fi Triq l-Aħħar Ħbit mit-Torok biex ir-residenti jkunu protetti mix-xemx. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet il-għaliex ma kienx ser isir provvediment simili għal *bus shelter* biswit l-ispiżjar fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku spjega li l-*bus shelter* inkwistjoni diġa għandu struttura u jonqos biss li jeħel il-ħġieġ.

597.10.3 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill kellux informazzjoni dwar ix-xogħlijiet li kienu għaddejja fi Triq il-Kaħwiela. Is-Sindku qal li fi Triq il-Kaħwiela kien għaddej xogħol mill-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx hemm pjan li jingħata t-tarmak f'din it-triq. Is-Sindku qal illi x-xogħol ta' tarmak ma kienx ser isir fil-futur viċin iżda kien inkluż fil-lista ta' xogħlijiet ta' Infrastruttura Malta. Is-Sindku ppropona biex wara li jitlesta x-xogħol tal-Korporazzjoni Enemalta fi Triq il-Kaħwiela tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex tiġi nstallata *road hump* f'din it-triq, kif ukoll *road humps* fi Triq Alessio Erardi, Triq il-Kapuċċini ma' Triq il-Baħrija u fi Triq Villabate fis-*service road.* Il-Kaptan Patrick Barbara talab li jsir tindif ġenerali fi Triq il-Kaħwiela.

597.10.4 Is-Sur Joseph Vella ressaq ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti li joqgħodu fiż-żona tal-iskola u ta' Triq ix-Xgħajra dwar il-ġbir tal-iskart. Is-Sur Vella qal li f'dawn iż-żoni l-iskart kien qed jinġabar qabel is-sebgħa ta' filgħodu.

597.10.5 Is-Sur Joseph Agius talab li titneħħa *loading / unloading bay* fi Triq il-Kbira peress illi l-ħanut taż-żebgħa kien għalaq. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li maġenb il-ħanut taż-żebgħa kien hemm aktar ħwienet u li setgħu jagħmlu użu minnha.

597.10.6 Is-Sur Joseph Agius talab li jitneħħa *dustbin* minn Triq il-Kittien. Is-Sindku qal li dan id-*dustbin* kien diġa tneħħa.

597.10.7 Is-Sur Joseph Agius talab li jsiru *bollards* madwar l-Iskola Primarja B fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita. Is-Sindku qal illi fi Triq il-Kunvent, fl-erba' kantunieri fejn hemm l-iskola, diġa kien hemm *barriers.*

597.10.8 Is-Sur Joseph Agius qal li fi Sqaq Franġisk kien hemm ħajt perikoluż.

597.10.9 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien sar xogħol ta' żebgħa tal-marki tal-*parking bays* fi Triq Espeditu Catania. Is-Sur Joseph Agius talab li jsir ukoll l-infriskar taż-żebgħa safra f'din it-triq.

597.10.10 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li mhux se jkun jista' jattendi għall-*Eschenfest* f'Eschborn, il-Ġermanja, u talab lis-Sur Joseph Agius sabiex jitla' minfloku il-Ġermanja. Is-Sindku talab ukoll sabiex jitla' minflok is-Sur Joseph Agius jakkumpanja liż-żewġ artisti żgħażagħ li kienu ser jirrappreżentaw il-lokalità fl-attività tal-pittura f'Povoa de Varzim.

## 597.11 Mozzjonijiet

597.11.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 597.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

597.12.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju, 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

597.12.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.12 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-598 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 29 ta' Mejju, 2024.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku